**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 31 ta' Jannar 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 69**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 69 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2018 fl-4:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

69.1 Aġġornament dwar Ġieħ il-Qrendi 2018.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-69 Laqgħa (laqgħa b'urġenza) tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2018 fl-4:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-5pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Daniela Farrugia (bagħtet e-mail bir-raġuni għaliex ma tistax tattendi, li kienet milqugħa mill-Kunsill Lokali) |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

*Din il-laqgħa kienet imxandra diretta fuq l-internet imma l-mikrofini nżammu mitfija minħabba l-protezzjoni tad-data tal-individwi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 69.1 AĠĠORNAMENT DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI 2018

69.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar jiem smajna bil-każ tal-Imħallef Rosemarie Aquilina fl-Istati Uniti u qal li din għandha dixxendenza mill-Qrendi.

69.1.2 Qal li kien hemm xi individwi li ssuġġerew li nagħtuha Ġieħ il-Qrendi, imma r-regolamenti ma jippermettux.

69.1.3 Spjega kif fl-okkażjoni tal-400 sena parroċċa jkun tajjeb jekk minbarra li nagħtu xi tip ta' unur lil din l-Imħallef, nagħtu numru t'unuri oħra lil persuni li verament jixirqilhom u li sallum għadhom ma ħadux Ġieħ il-Qrendi.

69.1.4 Fisser kif nistgħu nagħtu Onorifiċenza għal ħidma partikolari, u semma' kif jistgħu jingħataw unuri f'dawn l-oqsma:

Soċjali, legali, medika, mużikali, sportiva, politika u edukattiva.

69.2 Huwa semma' lil numru ta' persuni li jixirqilhom jieħdu dan l-unur, fosthom:

69.2.1 Is-Sa Claudette Abela Baldacchino għall-impenn tagħha fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi bħala Kunsilliera u Viċi Sindku kif ukoll bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

69.2.2 L-Imħallef Rosemarie Aquilina għas-sentenza li għadha kif tat ftit tal-jiem ilu fil-qorti fil-każ tat-tabib Larry Nassar;

69.2.3 Dr Ernest Azzopardi għas-suċċess li kiseb barra minn pajjiżna fejn tidħol il-kirurġija plastika;

69.2.4 Carmelo Gauci "Il-Busby" għall-ħidma kbira tiegħu b'risq il-futbol fil-Qrendi;

69.2.5 Dr Laura Falzon għas-suċċessi li kisbet u għadha tikseb permezz tad-daqq tal-flawt, b'mod speċjali fl-Istati Uniti;

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

69.2.6 Is-Sur Louis Sammut għall-25 sena servizz u ħidma b'risq il-Qrendi Scout Group.

69.2.7 Is-Sindku qal li dawn huma l-ismijiet proposti min-naħa tiegħu u jixtieq ikun jaf jekk hemmx qbil unanimu dwar dan.

69.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk ma' din il-lista nistgħux ninkludu lis-Sa Maria Consiglia Abdilla, għaliex din kienet diġà nominata għal Ġieħ il-Qrendi darbtejn imma qatt ma rebħitu.

69.3.1 Is-Sindku wieġeb li dan huwa każ delikat u li rridu noqgħodu attenti għaliex spiċċajna ġejna f'pożizzjoni skomda bħala Kunsill Lokali meta membru tal-istess Kunsill Lokali kien qiegħed idur sabiex jiġbor il-firem ħalli s-Sa Abdilla tkun nominata għal Ġieħ il-Qrendi.

69.3.2 Qal li rridu noqgħodu attenti ħafna fuq dan l-aspett għax l-għan tal-Kunsill Lokali mhuwiex li nwaqqgħu lil xi individwu għaċ-ċajt, u kienet kerha ħafna li ġiet nominata darbtejn u qatt ma rebħet Ġieħ il-Qrendi.

69.3.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hu jissekonda l-proposta tal-Kunsilliera Sant Mifsud għax iħoss li b'hekk is-Sa Abdilla tkun qed tingħata unur li jixirqilha.

69.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

69.4 Il-Viċi Sindku semma' wkoll lis-Sur Peter Sammut u qal li dan l-individwu ħadem ħafna sabiex iżomm l-isport tal-boċċi ħaj fil-lokal tagħna u għandu jkun rikonoxxut.

69.4.1 Is-Sindku ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

69.5 Għaldaqstant, il-persuni li se jieħdu l-unuri se jkunu:

Onorifiċenza Hidma Edukattiva – Is-Sa Maria Consiglia Abdilla
Onorifiċenza Hidma Legali – L-Imħallef Rosemarie Aquilina
Onorifiċenza Hidma Medika – Dr Ernest Azzopardi
Onorifiċenza Hidma Mużikali – Dr Laura Falzon

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Onorifiċenza Hidma Politika – Is-Sa Claudette Abela Baldacchino
Onorifiċenza Hidma Soċjali – Is-Sur Louis Sammut
Onorifiċenza Hidma Sportiva – Is-Sur Carmel Gauci u s-Sur Peter Sammut

*Il-laqgħa ntemmet fil-5pm.*

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |